Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 18/12

**Minuti tat-tmintax-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fis-6.00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); l-membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Dott. Monica Vella, Carmel Saliba, Noel Formosa, Joe Cordina, Philip Vella u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi il-minuti tas-17–il laqgħa kienu ntbgħatu b'email minn qabel, il-minuti ġew approvati unanimament.

Il-President ppropona illi għandha tinżamm minuta silenzju b'rispett tal-memorja ta' Ċensinu Tabone li kien President tar-Repubblika ta' Malta u iben dehen tal-gżira Għawdxija. Kulħadd preżenti qabel ma din il-proposta. Inżammet minuta silenzju. Joe Sultana (membru) ppropona illi l-quddies b'suffraġju għal persuni illi l-kumitat jiddeċiedi li jagħmel għandhom jinġabru fil-quddiesa illi ssir f'Jum Għawdex. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

Il-President beda wkoll sabiex irringrazzja lill-Paul Buttiġieġ (Viċi President) Noel Formosa, Miriam Portelli, Joe Grima, Carmel Saliba illi għas-snin li ġejjin mhux ser ikunu membri tal-Kumitat Reġjonali. Hu awgura lil dawn il-membri kull suċċess f'ħidmithom. Hu rringrazzja lil Noel Formosa u lil Carmel Saliba illi kienu preżenti. Lis-Sur Formosa tax-xogħol li wettaq fil-Kumitat tar-Reġjuni fil-fora tal-Unjoni Ewropeja u lis-sur Saliba talli dejjem wera mpenn lejn il-ħidma tal-kumitat reġjonali rispettivament. Hu faħħar il-ġest tagħhom li għalkemm eventwalment il-kariga tagħhom intemmet għalissa xorta għarfu dmirijiethom u attendew għal din il-laqgħa. Kulħadd qabel ma dawn il-kummenti.

Philip Vella (membru) qal il-kumitat għandu jkollu ritratt tal-ewwel Kumitat Reġjonali. Il-President stqarr illi dan ir-ritratt ittieħed fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Reġjonali.

Noel Formosa (membru) irringrazzja lill-President u lill-membri tal-Kumitat Reġjonali u saħaq sabiex il-kumitat jibqa jaħdem sabiex Għawdex jimxi 'il quddiem. Carmel Saliba (membru) ukoll irringrazzja lill-President u lill-membri kollha tal-Kumitat.

1. <u>**Korrispondenza**</u>

    1.1 Mingħand is-Sur Maurice Caruana dwar il-pagamenti illi l-Kumitat Reġjonali għandu mal-*Loqus*. Il-President qara l-korrispondenza kollha illi hu kellu mas-Sur Maurice Caruana. F'dan ir-rigward il-President propona illi jintalab parir t'avukat fuq din il-kwistjoni. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Il-Kumitat Reġjonali qabel illi l-parir għandu jintalab mingħand Dr Georgine Schembri għal dan il-każ però għandha tinħareġ talba għall-offerti sabiex il-Kumitat Reġjonali jkollu l-avukat tiegħu.

    1.2 Mingħand Aldo Formosa *Executive Coordinator Gozo Regional Committee (MCESD)* rigward il-ħatriet il-ġodda minn naħa tal-Kumitat Reġjonali fi ħdan il-*Gozo Regional*

*Committee (MCESD).* Dwar din il-materja kien hemm qbil illi dawn il-ħatriet għandhom isiru fl-ewwel laqgħa li jkollu r-Reġjun fejn għalija jkun hemm preżenti l-membri ġodda. F'dan ir-rigward ġie diskuss ukoll ir-rappreżentanza tal-Kumitat Reġjonali f'fora oħrajn bħal ma hu *Gozo Action Group Foundation.* F'dan ir-rigward il-President ippropona illi f'fora bħal dawn, il-Kumitat Reġjonali għandu jkun rappreżentat minn membru tar-Reġjun li jkun Sindku. Carmel Saliba u Dr Monica Vella (membri) argumentaw favur il-proposta mressqa mill-President. Kien hemm ftehim illi għandha tinkiteb ittra lill-*Gozo Action Group Foundation* sabiex jiġu infurmati b'din id-deċiżjoni.

1.3 Mingħand Nicoline Sagona (Heritage Malta) rigward problema ta' parkeġġ fiċ-Ċittadella.

1.4 Mingħand il-Qorti tal-Appelli – Sede Inferjuri rigward il-każ 27/2011 bejn l-Aurelia Enforcement Ltd. vs Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Fid-dawl ta' din il-kawża pendenti ntalab parir tal-avukat jekk il-Kumitat Reġjonali għandhux iwaqqaf il-proċess kuntratwali għandu jieqaf b'mod temporanju sakemm tinqata' il-kawża. L-avukat tal-parir illi l-proċess kuntratwali għandu jieqaf.

## 2. Approvazzjoni ta' Pagamenti

2.1 Il-Kumitat approva skeda numru 12 illi tammonta għall-€25,044.07 kif annessi ma dawn il-minuti.

## 3. Materji Oħra

3.1 Il-Kumitat iddeċieda illi l-ħatra tal-ġurament tas-Sindki u Viċi Sindki għandha ssir f'ċerimonja kkordinata mill-Kumitat Reġjonali. Peress illi Dr Monica Vella (membru) għandha l-kariga ta' Assistant Ġudizzjarju, ġie deċiż illi l-ġurament jiġi amministrat minnha.

3.2 Is-segretarju nforma illi l-Kumitat Reġjonali qed jiġi mistieden għal-laqgħa fejn ser issir preżentazzjoni għall-proġett ta' enerġija alternattiva ġewwa Għawdex. Il-laqgħa ser issir nhar is-26 t'April flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, ma kumpanija mill-Awstrija li ser tkun qed tippreżenta dan il-proġett. Il-Kumitat Reġjonali ddeċieda illi għandu jattendi għal din il-laqgħa.

Dr Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv